**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Vassallo)**
**- vs -**
**Perit Godfrey Vella Baldacchino li joqghod 30, Victory Street, Qormi, Malta.**

Illum 20 ta' Gunju 2001.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli nhar it-2 ta’ Dicembru 1998 ghall-habta ta’ 12:40p.m., fl-Gharb, Ghawdex insulenta lil John Agius, Joe Felice, lkoll ufficcjali pubblici fl-Awtorita` ta’ l-Ippjanar, persuni nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku waqt li jkunu jaghmlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz bil-hsieb li jbezzaghhom u jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dak is-servizz, f’sit fi Triq il-Knisja, Gharb, Ghawdex, kif ukoll ai termini ta’ l-artikolu 56 (1) (d) ta’ l-Att I ta’ l-1992 dwar l-Ippjanar ta’ l-Izvilupp talli pprova jfixkel lill-istess ufficcjali ta’ l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar fl-ezekuzzjoni tad-dmirijiet taghhom skond il-Ligi.

Il-Qorti hija gentilment mitluba tapplika l-provedimenti kontemplati fl-Artikolu 56 (1) ta’ l-Att I ta’ l-1992.

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-imputat irrenda ruhu kolpevoli tar-rejat ravvizat fl-artikoli 95 tal-Kap 9 u 56 (1) (d) ta’ l-Att I ta’ l-1992 meta flimkien ma’ zijuh accedew fuq post fejn kien qed isir twaqqih ta’ zvilupp in parti illegali, meta l-istess imputat hebb ghal Joe Felice, qallu “Ja korrott, insibek Malta u noqtlok” u kellu jinzamm mill-Pulizija.

Ghal dawn il-mottivi ssibu hati;

Rat l-Artikoli 95 tal-Kap 9 u 56 (1) (d) ta’ l-Att I ta’ l-1992;

Tikkundannah ghal hlas ta’ multa ta’ hames mitt lira Maltin (Lm500).

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur